



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SUQ INTERN, L-INDUSTRIJA, L-INTRAPRENDITORIJA U L-SMEs
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-MIGRAZZJONI U L-AFFARIJET INTERNI

Brussell, l-24 ta' Awwissu 2020
REV2 — jissostitwixxi l-avviż (“splussivi għall-użu ċivili” — REV1) datat it-22 ta' Novembru 2019

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-ISPLUSSIVI GĦALL-UŻU ĊIVILI U L-PREKURSURI TAL-ISPLUSSIVI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-partekipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁴ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti C hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rrakkomandati li:

- jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni minn korp notifikat tal-UE;

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- jiżguraw il-konformità mal-obbligi għall-importaturi;
- jiżguraw li t-trasferimenti tal-isplussivi fl-UE jkunu approvati mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-konsenjatarju;
- jadattaw l-immarkar tal-prodotti u t-tikkettar, fejn meħtieġ; kif ukoll
- jiżguraw il-konformità mal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi mill-pubbliku ġenerali.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax il-proċeduri doganali għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni. Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn ⁵.

Barra minn hekk, qiegħda tinġibed l-attenzjoni lejn l-avviż aktar ġeneriku dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet, fosthom il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni.

A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-isplussivi għall-użi ċivili⁶ u r-regoli tal-UE fir-rigward tal-prekursori tal-isplussivi^{7 8} ma għadhomx japplikaw għar-Renju Unit⁹. Dan iwassal, b'mod partikulari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. SPLUSSIVI GĦAL UŻI ĊIVILI

1.1. Obbligi tal-importaturi, proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u korpi notifikati

L-Avviż lill-partijiet ikkonċernati — Il-Ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-prodotti industrijali¹⁰ huwa rilevanti wkoll għar-regoli tal-UE dwar l-isplussivi għall-użu ċivili. Dan jgħodd b'mod partikolari għar-reqwiziti

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt

⁶ Id-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili, ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1.

⁸ Sa mill-1 ta' Frar 2021, ir-Regolament (UE) 2019/1148 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi se japplika u jissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 98/2013, ara r-Regolament (UE) 2019/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi, ĠU L 186, 11.7.2019, p. 1.

⁹ Dwar l-applikabbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/notice_to_stakeholders_industrial_products.pdf

li jkun hemm ċertifikat maħruġ minn korp notifikat tal-UE wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni u għall-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi. Operatur ekonomiku stabbilit fl-UE li jirċievi splussivi għall-użu ċivili mir-Renju Unit li, qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kien jitqies bħala distributtur tal-UE, se jsir importatur għall-finijiet tad-Direttiva 2014/28/UE.

1.2. L-immarkar tal-isplussivi għall-użu ċivili

Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/43/KE li tistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u t-traċċabilità tal-isplussivi għall-użu ċivili,¹¹ applikabli bis-saħħa tal-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2014/28/UE, l-isplussivi manifatturati jew importati għandhom jiġu mmarkati b'identifikazzjoni unika. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/43/KE, meta sit tal-manifattura jkun jinsab barra mill-UE u l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-UE, l-importatur għandu jikkuntattja lill-Istat Membru tal-importazzjoni sabiex is-sit tal-manifattura jingħata kodiċi.

Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, is-siti tal-manifattura fir-Renju Unit se jiġu identifikati bħala siti li jinsabu barra mill-Unjoni u se jeħtieġu kodiċi mogħti mill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru ta' importazzjoni tal-UE.

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/43/KE, meta splussivi għal użu ċivili jiġu manifatturati fl-UE għall-esportazzjoni, ma tkunx meħtieġa marka unika ta' identifikazzjoni jekk il-pajjiż terz li jimportahom jeħtieġ identifikazzjoni li tippermetti t-traċċabilità tal-isplussivi. Il-kwistjoni dwar jekk, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, din l-eċċezzjoni tapplikax għall-isplussivi għall-użu ċivili manifatturati fl-UE għall-esportazzjoni lejn ir-Renju Unit tiddependi fuq jekk ir-Renju Unit hux se jkollu fis-seħħ, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rewiżiti nazzjonali ta' identifikazzjoni.

1.3. Trasferimenti ta' splussivi għall-użu ċivili

Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/28/UE, it-trasferimenti¹² tal-isplussivi għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-konsenjatarju.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, vjeġġ tal-isplussivi għall-użu ċivili lejn, minn u permezz tar-Renju Unit ma jibqax trasferiment intra-UE. Minflok, dawn il-vjeġġi se jkunu rispettivament importazzjonijiet u esportazzjonijiet.

L-approvazzjonijiet tat-trasferimenti mogħtija mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2014/28/UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni ma jibqgħux validi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

¹¹ ĠU L 94, 5.4.2008, p. 8.

¹² Skont l-Artikolu 2(6) tad-Direttiva 2014/28/UE, trasferimenti jfissru kull ċaqliq fiżiku ta' splussivi fl-Unjoni.

2. PREKURSURI TAL-ISPLUSSIVI

2.1. Projbizzjoni fuq l-importazzjoni mill-pubbliku ġenerali: liċenzji

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-introduzzjoni minn membri tal-pubbliku ġenerali ta' ċerti prekursori tal-isplussivi mir-Renju Unit lejn l-UE hija pprojbata u permessa biss taħt ċerti ċirkostanzi kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 98/2013 u, mill-1 ta' Frar 2021, fir-Regolament (UE) 2019/1148.

Dak ir-Regolament ikompli jipprojbixxi l-introduzzjoni, il-pussess jew l-użu ta' ċerti prekursori tal-isplussivi mill-pubbliku ġenerali. Jekk il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tipprevedi hekk, membru tal-pubbliku ġenerali jista' japplika għal liċenzja skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/1148 għall-akkwist, l-introduzzjoni, il-pussess jew l-użu ta' ċerti prekursori tal-isplussivi. Il-lista ta' prekursori tal-isplussivi li huma soġġetti għal dawn ir-restrizzjonijiet tista' tinstab fl-Anness I tar-Regolament. Stat Membru jista' jirrikonoxxi liċenzji maħruġa minn Stati Membri oħra¹³.

Dawn ir-restrizzjonijiet japplikaw biss għal membru tal-pubbliku ġenerali, li jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li qed tagħxi għal finijiet mhux marbuta mal-kummerċ, man-negozju, jew mal-professjoni ta' dik il-persuna. Il-projbizzjoni ta' importazzjoni ta' prekursori tal-isplussivi, għalhekk, ma tapplikax għal utenti professjonali u operaturi ekonomiċi.

2.2. Obbligi fuq operaturi ekonomiċi u swieq online

Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 jistabbilixxi diversi obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi, inkluż l-obbligu li jiġu identifikati u rrapportati tranżazzjonijiet suspettużi ta' prekursori tal-isplussivi. L-obbligu li jiġu identifikati u rrapportati tranżazzjonijiet suspettużi ta' prekursori tal-isplussivi jibqa' skont ir-Regolament (UE) 2019/1148, u huwa espliċitament estiż għal swieq online wkoll¹⁴.

Sa fejn l-operaturi ekonomiċi bbażati fir-Renju Unit jagħmlu disponibbli prekursori tal-isplussivi regolati fl-UE, u sa fejn is-swieq online jipprovdu servizzi biex jagħmlu disponibbli prekursori tal-isplussivi regolati fl-UE, dawn huma wkoll marbuta b'dawn ir-regoli. Il-Kummissjoni adottat linji gwida¹⁵ biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1148.

¹³ L-Artikolu 6(7) tar-Regolament (UE) 2019/1148.

¹⁴ L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2019/1148.

¹⁵ Avviż tal-Kummissjoni — Linji gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1148 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi C/2020/3756, ĠU C 210, 24.6.2020, p. 63.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET RILEVANTI DWAR IS-SEPARAZZJONI TAL-FTEHIM DWAR IL- ĦRUĠ

1. SPLUSSIVI GĦALL-UŻU ĊIVILI MQIEGĦDA FIS-SUQ

L-Artikolu 41(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi li oġġett eżistenti u identifikabbli individwalment imqiegħed skont il-liġi fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jsir disponibbli fis-suq tal-UE jew tar-Renju Unit u jiċċirkola bejn dawk iż-żewġ swieq sakemm jasal għand l-utent aħħari tiegħu.

L-operatur ekonomiku li jinvoka dik id-dispożizzjoni għandu l-oneru tal-prova li juri fuq il-bażi ta' kwalunkwe dokument rilevanti li l-prodott kien tqiegħed fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹⁶.

Għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni, "tqiegħid fis-suq" tfisser l-ewwel provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi hłas kif ukoll mingħajr hłas¹⁷. "Provvista ta' oġġett għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu" tfisser li "oġġett eżistenti u individwalment identifikabbli, wara li jkun seħħ l-istadju tal-manifattura, ikun is-suġġett ta' ftehim bil-miktub jew verbali bejn żewġ, jew aktar, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għat-trasferiment ta' sjieda, ta' kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà, jew ta' pussess li jikkonċernaw l-oġġett inkwistjoni, jew ikun is-suġġett ta' offerta lil persuna jew persuni ġuridiċi jew fiżiċi għall-konklużjoni ta' tali ftehim"¹⁸.

Pereżempju: Splussiv individwali għall-użu ċivili mmarkat b'identifikazzjoni unika mogħtija mill-awtorità nazzjonali tar-Renju Unit mibjugħ mill-manifattur fir-Renju Unit lil bejjiegħ bl-ingrossa fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni xorta jista' jinbiegħ fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' tikkettar mill-ġdid.

Fir-rigward ta' splussivi mħallta fuq il-post, l-istadju tat-tmiem tal-manifattura huwa biss il-mument tal-produzzjoni *in situ*. Għalhekk, kwalunkwe splussiv li ma ġiex diġà "prodott *in situ*" qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jeħtieġ li jiġi vvalutat mill-ġdid minn Korp Notifikat tal-UE.

2. MOVIMENTI LI GĦADHOM GĦADDEJJIN TA' PREKURSURI TAL-ISPLUSSIVI

L-Artikolu 47(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-movimenti ta' merkanzija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iridu jitqiesu bħala movimenti fl-Unjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-liċenzjar tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fid-dritt tal-UE.

Pereżempju: Konsenja speċifika ta' prekursori tal-isplussivi, li l-moviment tagħha għadu għaddej bejn l-UE u r-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, xorta

¹⁶ L-Artikolu 42 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁷ L-Artikolu 40(a) u (b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁸ L-Artikolu 40(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

tista' tidħol fl-UE jew fir-Renju Unit daqslikieku kienet moviment bejn żewġ Stati Membri, jiġifieri li ma jeħtieġx liċenzja ta' introduzzjoni.

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq¹⁹. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' tranzizzjoni²⁰.

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru²¹.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li d-Direttiva 2014/28/UE u r-Regolament (UE) 2019/1148 japplikaw għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq²².

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Splussivi għall-użu ċivili mqiegħda fis-suq jew użati għall-iskopijiet tagħhom minn manifatturi tal-Irlanda ta' Fuq għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rispettivi tad-Direttiva 2014/28/UE;
- Splussiv għall-użu ċivili/prekursur tal-isplussivi mibgħut lejn l-Irlanda ta' Fuq minn pajjiż terz jew mill-Gran Brittanja huwa importazzjoni/introduzzjoni għall-finijiet tad-Direttiva 2014/28/UE, ir-Regolament (UE) Nru 98/2013, u r-Regolament (UE) 2019/114;
- Splussiv għall-użu ċivili mmanifatturat fl-Irlanda ta' Fuq għall-esportazzjoni lejn il-Gran Brittanja għandu jkun immarkat b'identifikazzjoni unika, sakemm il-Gran Brittanja ma tkunx teħtieġ identifikazzjoni li tippermetti t-traċċabbiltà tal-isplussiv skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/43/KE;

¹⁹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

²⁰ Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²¹ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²² L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 19 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

- L-importatur u r-rappreżentant awtorizzat jistgħu jkunu stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq għall-finijiet tad-Direttiva 2014/28/UE;
- Meta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jeħtieġu kodiċi uniku li jindika Stat Membru, dan għandu jkun indikat bħala “UK (NI)”²³.
- Iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa minn Korp Notifikat fl-UE huma validi fl-Irlanda ta' Fuq.
- Iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità fil-Gran Brittanja mhumiex validi fl-Irlanda ta' Fuq.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni²⁴;
- jibda proċeduri ta' oġġezzjonijiet, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sa fejn dawn jikkonċernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet maħruġa jew imwettqa mill-Istati Membri tal-UE²⁵;
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jew ir-rikonossiment reċiproku għal attivitajiet imwettqa minn awtoritajiet jew korpi stabbiliti fir-Renju Unit²⁶.

B' mod aktar speċifiku, dan l-aħħar punt ifisser, fost oħrajn, dan li ġejj:

- Iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa minn Korpi Notifikati fl-Irlanda ta' Fuq huma validi biss fl-Irlanda ta' Fuq. Dawn iċ-ċertifikati u r-rapporti mhumiex validi fl-UE²⁷. Meta splussivi għal użu ċivili jkunu ċertifikati minn Korp Notifikat fl-Irlanda ta' Fuq, għandha titwaħħal l-indikazzjoni “UK(NI)” ħdejn il-markatura “CE”²⁸. Dan l-immarkar distint jippermetti l-identifikazzjoni tal-isplussivi għal użu ċivili li jista' jitqiegħed legalment fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq, iżda mhux fl-UE.
- liċenzja skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1148 maħruġa mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq mhijiex rikonossuta fi Stat Membru tal-UE.

²³ L-Artikolu 7(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq. Limiti tekniċi, normalment marbuta ma' bażijiet ta' *data*, jistgħu jeħtieġu li l-kodiċi tal-pajjiż ikun limitat għal żewġ ċifri. F'dan il-każ, jenħtieġ li tintuża taħlita mhux attribwita ta' ċifri.

²⁴ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

²⁵ Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

²⁶ L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

²⁷ Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

²⁸ Ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/Irlanda ta' Fuq.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar splussivi għall-użu ċivili (https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/legislation_en#explosives) u l-prekursuri tal-isplussivi (https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/policies/counter-terrorism/protection/implementation-explosives-precursors-legislation_en) jipprovdu informazzjoni ġenerali. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs

Id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni